MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1224/2007

**APS Bank Limited (C 2192)**

**vs**

**George Farrugia (ID253659M) u martu Jane Farrugia (ID727861M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn gie premess:

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja tal-fond minghajr numru ufficjali jew isem li jinsab fi Triq it-Torri kantuniera ma Triq Luigi Onofrio fi Swatar limiti ta' B'Kara, liema proprjeta ghandha l-entratura principali fi Triq it-Torri, u entraturi laterali minn Triq Luigi Onofrio, liema entraturi lkoll m'ghandhomx numri ufficjali, u liema proprjeta tmiss mill-Grigal ma Triq it-Torri, mil-Lvant ma Triq Luigi Onofrio, mill-Punent mal-proprjeta ta' Agriproducts Limited jew l-aventi kawza taghhom, u mil-Lbic mal-proprjeta tal-

konvenuti George u Jane Farrugia, u dan kif ahjar deskrit fil-kuntratt ta' l-akkwist fl-Atti tan-Nutar Pierre Attard tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sitta (2006) hawn anness u mmarkat bhala Dok APS 1;

Illi l-konvenuti fethu tieqa fil-hajt divizorju li jifred il-fond taghhom (li jinsab fi Triq Luigi Onofrio) mill-imsemmi fond tas-socjeta attrici, liema tieqa nfethet ghal fuq il-bitha proprjeta tas-socjeta attrici b'mod abbusiv u illegali u minghajr il-permess ta' l-istess socjeta` attrici jew tas-sidien precedenti;

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi anke permezz ta' Ittra Ufficjali datata 8 ta' Marzu 2007 (APS 2), sabiex jaghmlu x-xoghlijiet mehtiega biex jaghlqu l-imsemmija tieqa, izda baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

(1) tiddikjara u tiddeciedi illi l-ftuh tat-tieqa fil-hajt divizorju u li jifred il-fond tal-konvenuti mill-isemmija proprjeta tas-socjeta attrici, saret mill-konvenuti b'mod abbusiv u illegali;

(2) tordna u tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju, li jigi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, jaghlqu l-imsemmija tieqa u jergghu jirripristinaw il-hajt divizorju fl-istat originali tieghu a spejjez ta' l-istess konvenuti, taht id-direzzjoni ta' Periti nominandi;

(3) Fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu x-xoghlijiet lilhom ordnati fiz-zmien lilhom prefiss, tawtorizza lis-socjeta attrici tesegwixxi hija stess ix-xoghlijiet necessarji sabiex tinghalaq l-imsemmija tieqa u jigi ripristinat il-hajt divizorju ghall-istat li kien, a spejjez tal-konvenuti, u dan taht id-direzzjoni ta' Periti nominandi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali 792/2007 datata 8 ta' Marzu 2007, kontra l-konvenuti millum ingunti ghas--subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat li s-socjeta` attrici ddikjarat li l-mertu huwa ezawrit u allura baqa' biss il-punt tal-ispejjez.

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat u wkoll ammettew il-kap tal-ispejjez.

Illi mill-ammissjoni tal-konvenuti jidher li l-kap tal-ispejjez ghandu jigi ssopportat mill-istess konvenuti.

Illi ghalhekk din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici peress li l-istess iddikjarat li t-tieqa giet maghluqa mill-konvenuti stess fil-mertu tal-kawza, u b'hekk il-mertu hu ezawrit, fuq il-kap tal-ispejjez, fuq ammissjoni tal-istess konvenuti, tordna li l-kap ta' l-ispejjez jibqa' a karigu tal-istess konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------